MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Numru 205/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Stephen Borg**
**Decklyn Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Stephen Borg ta’ 23 sena imwieled Pieta` nhar it-12 ta’ Marzu 1978 bin missier mhux maghruf u Mary Borg u li joqghod numru 12, Triq San Kostantinu B’Kara, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 155778 M u Decklyn Micallef ta’ 19-il sena mwieled Pieta’ nhar l-14 ta’ Gunju, 1982 bin Paul u Carmen nee Farrugia u residenti gewwa Block D Flat 1 l-Ghaqxija

Hsng Estate B'Kara, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 425682 M.

Akkuzati:

1. talli bejn id-9 u l-10 ta' Novembru, 2001 bejn is-2.15 am u l-5.00 am gewwa Triq il-Hawha San Gwann ikkommettew serq ta' apparat ta' 'Hi-Fi' u cioe' erba' speakers u par woofers tal-ghamla 'Dragster' u amplifikatur tal-ghamla 'Pioneer', minn gewwa vettura Numru IBB201 tal-ghamla Honda a detriment ta' Alan Farrugia minn San Giljan, liema serq huwa aktar minn mitt lira Maltin izda ma jeccedix l-valur ta' elf lira Maltin, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263 (a), 267, 270, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2) u 281 (b);
2. talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu sabiex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti. Ai termini tal-Artikolu 334 (a) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma' l-imputat Stephen Borg bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati tat-8 ta' Jannar, 2001 f'Awla 2, fejn instab hati ta' serq aggravat u ricettazzjoni u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr C Peralta LL.D. nhar it-23 ta' Mejju, 2001.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra z-zewg imputati hi dik ta' serq aggravat.

L-imputat Stephen Borg hu akkuzat ukoll b'recidiva. Hemm ukoll kontra l-imputati l-akkuza ta' ricettazzjoni li l-Qorti mhix ser tikkunsidra billi mill-provi jirrizulta konklusivament li l-akkuza li treggi kontra taghhom hi dik ta' serq aggravat.

Kontra l-imputat Stephen Borg tirrizulta ukoll r-recideiva.

Tiddeciedi fil-konfront tal-imputati billi:
1. Kontra l-imputat Stephen Borg li ssibu hati ta' l-ewwel akkuza li hu recidiv.

Rat fil-konfront tieghu l-Artikolu 261 (b) (c) (f) (g), 270, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2) u 281 (b), 49 u 50 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat li r-refurtiva giet ritornata lid-derubat.

Tiddiciedi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

2. Kontra Decklyn Micallef li ssibu hati ta' l-ewwel akkuza.

Rat l-Artikolu 261 (b) (c) (f) (g), 270, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2) u 281 (b) tal-Kap 9.

Ikkonsidrat li r-refurtiva giet ritornata lid-derubat.

Tiddeciedi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ghal perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------